**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anzjan Elton Buckigham)**
**(Spettur Carl Pace)**

**vs**

**Ronnie (Ronald) Farrugia**

**Kumpilazzjoni 868/2024**

**Illum, 12 ta' Novembru 2024**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra:

**Ronnie (Ronald) Farrugia** ta' 64 sena, mwieled fit-8 ta' Jannar 1960 gewwa Floriana, iben George u Violet Farrugia nee' Pithers, residenti 132, Triq San Gwann, Bormla u detentur tal-Karta tal-identita bin-numru 0099060M.

Akkuzat talli nhar is-16 ta' Novembru 2023 u fix-xhur u snin ta' qabel f`dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Ghamel jew ipproduċa jew ippermetta li jiġi magħmul jew prodott xi materjal indeċenti jew ipproduċejt, qassam, xerred, importa, esporta, offra, biegh, issupplixxa, ittrasmetta, ghamel disponibbli, akkwista ghalih innifisu jew għal ħaddieħor, jew wera dak il-materjal indeċenti li jinvolvi jew juri persuni ta' taht l-eta.

2. Aktar talli fl-istess perjodu, lok, u cirkustanzi akkwista, xjentament akkwista access permezz ta' teknologiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni ghal, jew kellu fil pussess tieghu, xi materjal indicenti li juri, jaghti stampa ta' jew jirraprezenta xi persuna ta' taht l-eta'.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali dokument BP1 sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja[1].

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Rat l-ammissjoni tal-imputat registrata fl-ewwel seduta u cioe fl-24 ta' Ottubru 2024.

[1] A folio 7 tal-process.

Semghet lill-imputat jikkonferma l-htija tieghu fir-rigward tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu fl-istess seduta tal-24 ta' Ottubru, 2024.

Rat illi wara li tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu u wara li tat lill-imputat zmien ragonevoli sabiex jerga' jikkonsulta mal-Avukat li qed jassistih f'dawn il-proceduri u wara li l-Qorti spjegatlu l-portata tal-akkużi, il-konsegwenzi ta' tali ammissjoni, u l-piena erogabbli ghall-istess akkuzi, l-imputat reġa' ikkonferma l-ammissjoni tieghu ghall-akkużi migjuba kontra tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor:**

Illi l-Pulizija rceviet rapport mic-Centru ghat-Tfal Mahtufa u Sfruttati fejn gew infurmati li kien hemm persuna li ghandha indirizz tal-IP Malti u li l-istess persuna kienet qed tnizzel u tibghat materjal pornografiku ta' minuri. Il-materjal kien jinkludi video fejn jidher car abbuz sesswali fuq minorenni.

In segwitu tal-imsemmi rapport saret l-investigazzjoni minn naha tal-Pulizija fejn irrizulta li l-persuna li kien nizzel u baghat dan il-materjal kien l-imputat u minn investigazzjoni ulterjuri li saret ma' service providers kemm lokali kif ukoll barranin giet ikkonfermata l-identita ta' din il-persuna.

L-imputat tressaq bl-arrest akkuzat li fuq produzzjoni, tqassim u tixrid ta' materjal pornografiku li jinvolvi persuni taht l-eta kif ukoll illi kellu fil-pussess tieghu tali materjal.

**Ikkunsidrat:**

Illi fis-seduta tal-24 t'Ottubru 2024, l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi waqt dik l-udjenza mizmuma minn din il-Qorti l-imputat rega' afferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien ragonevoli jirrikonsidra il-posizzjoni tieghu u tali ammissjoni u affermazzjoni giet debitament registrata.

**Ikkunsidrat:**

Illi stante l-ammissjoni tal-imputat l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Artiklu 208A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:

"208A. (1) Kull ċittadin jew resident permanenti ta' Malta, sew f'Malta sew barra minn Malta, kif ukoll kull persuna f'Malta, li tagħmel jew tipproduċi jew tippermetti li jiġi magħmul jew prodott xi materjal indeċenti jew tipproduċi, tqassam, ixxerred, timporta, tesporta, toffri, tbiegħ, tissupplixxi, tittrasmetti, tagħmel disponibbli, takkwista għaliha nnifisha jew għal ħaddieħor, jew turi dak il-materjal indeċenti li jkun jinvolvi jew juri persuni ta' taħt l-età tista', meta tinsab ħatja, teħel il-piena ta' priġunerija minn tnax-il xahar sa ħames snin."

Illi l-Artiklu 208A (1B) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:

"(1B) Kull persuna li takkwista, xjentement takkwista aċċess permezz ta' teknoloġiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni għal, jew ikollha fil-pussess tagħha, xi materjal indeċenti li juri, jagħtistampa ta' jew jirrappreżenta xi persuna ta' taħt l-età, tista', meta tinsab ħatja, teħel il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet snin."

In konsiderazzjoni tal-piena illi ghandha tigi erogata, il-Qorti ikkunsidrat il-fedina penali netta tal-imputat Dokument BP2[2], l-istqarrijiet tal-imputat Dokument BP33[3] u Dokument BP37[4], il-gravita u n-natura tal-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat.

Il-Qorti tqis illi dawn ir-reati huma reati gravi, li jattakkaw is-sinsla u l-valuri tas-socjeta in generali, l-bon ordni pubbliku, id-dritt ghall-hajja decenti u fil-paci ta' kull minuri hu fejn hu, u konsegwentament tqis illi ghandha tigi erogata piena karcerarja effettiva.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 31, 208A, 208A(1B) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat **RONNIE sive RONALD FARRUGIA HATI**, fuq l-amissjoni inkondizzjonata tieghu stess, tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih, u qeghda tikkundanna lill-hati Ronnie sive Roanld Farrugia ghal **tlett snin prigunerija effettivi.**

---

[2] A folio 7 tal-process

[3] A folio 110 tal-process

[4] A folio 115 Tal-process

Stante illi f'dawn il-proceduri ma nhatru l-ebda esperti, t-talba tal-Prosekuzzjoni taht l-Artiklu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma tistax tigi milqugha.

Il-Qorti tordna li din is-sentenza għandha, meta ssir definittiva, tkun notifikata lir-Reġistratur u dan ai termini tal-Artiklu 6 (1) (2) tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta b'ordni li isem u l-konnotazzjonijiet kollha tal-imputat jigu mnizzla fir-regisru imwaqqaf ai termini tal-Artikolu 3 u 4 tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan ukoll sabiex jittiehdu u jigu esegwiti l-mizuri kollha fil-konfront tal-hati Ronnie sive Ronald Farrugia skont kif tipprovdi l-istess ligi.

Il-Qorti spjegat lill-hati Ronnie sive Ronald Farrugia fi kliem car u semplici l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk huwa ma jonorax l-istess.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tinghata lill-partijiet u li kopja tal-imsemmija sentenza titpogga fuq is-sistema online tal-Qrati minnufih.

Moghtija illum 12 ta' Novembru 2024 fil-bini tal-Qorti, f'Malta.

***Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

Annalise Mifsud
Deputat Registratur